**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta’ dokumentazzjoni u m’għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f’EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f’dan id-dokument**

►B

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta’ Jannar 2013

## li tawtorizza lir-Repubbliak tas-Slovenja sabiex tintroduċi miżura speċjali ta’ deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud

(2013/54/UE)

(ĠU L 22, 25.1.2013, p. 15)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2089 tal-10 ta' Novembru 2015 | L 302 | 107 | 19.11.2015 |
| ►M2 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1700 tas-6 ta' Novembru 2018 | L 285 | 78 | 13.11.2018 |

▼B

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**tat-22 ta' Jannar 2013**

**li tawtorizza lir-Repubbliak tas-Slovenja sabiex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

(2013/54/UE)

*Artikolu 1*

B'deroga mill-punt 15 tal-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Repubbliak tas-Slovenja hija awtorizzata teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 50 000.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

▼M2

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2013 sal-ewwel data li sseħħ minn dawn iż-żewġ dati li ġejjin:

(a) il-31 ta' Diċembru 2021;

(b) id-data li minnha l-Istati Membri jridu japplikaw kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali li meħtieġa jadottaw f'każ li tidħol fis-seħħ direttiva li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE li jirregolaw l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar.

▼B

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tas-Slovenja.